MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 175/2010/1

**T.F.E.A. Limited socjeta` registrata f'Malta**
**li ggib n-numru C48326**
**v.**

**Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kummerc**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment mitlub mill-konvenut a bazi tal-arti kollu 266(4) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). B'digriet moghti fit-23 ta' Gunju 2010, il-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet laqghet talba tas-socjeta` attrici ghall-esekuzzjoni provvisorju tas-sentenza li kienet tat fit-18 ta' Gunju, 2010, fil-kawza fl-ismijiet premessi,

liema kawza tikkoncerna l-htiega ta’ licenzja biex tinzamm fiera kummercjali fin-Naxxar. Fis-sentenza taghha tat-18 ta’ Gunju, 2010, l-ewwel Qorti kienet tat din id-decizjoni:
“17. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta’ l-kawża billi tilqa’ t-talbiet tal-attriċi: tgħid illi ma huwiex meħtieġ illi l-attriċi tagħmel talba għall-permess ta’ żvilupp fuq l-artijiet tan-Naxxar billi dawn l-artijiet huma “post liċenzjat biex jinżammu fih fieri kummerċjali” għall-għanijiet tar-reg. 34(2) tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, u għalhekk tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien erbat ijiem millum iqis it-talba tal-attriċi biex din titħalla żżomm fiera fl-artijiet tan-Naxxar bejn l-24 ta’ Ġunju u l-4 ta’ Lulju 2010 u fl-istess żmien jagħti deċiżjoni dwarha.

18. Għall-għanijiet tal-art. 222 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-qorti tgħid illi, fin-nuqqas tal-konvenut li jagħti deċiżjoni fuq it-talba tal-attriċi fiż-żmien li ngħatalu, jitqies illi dik it-talba tkun intlaqgħet u li l-permess meħtieġ ikun ingħata. Dan, naturalment, jingħad bla ħsara għas-setgħa tal-konvenut li, fiż-żmien li ngħatalu, jinqeda bis-setgħat mogħtija lilu mil-liġi biex, dejjem fil-parametri tal-liġi, iqis għandux jilqa’ jew jiċħad it-talba tal-attriċi.

19. Billi d-dubju tal-konvenut dwar l-interpretazzjoni tal-liċenza mogħtija taħt ir-Regolamenti tal-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija kien wieħed ġenwin u, fiċ-ċirkostanzi, mhux irrazzjonali, u kien motivat mix-xewqa li kollox isir kif trid il-liġi, huwa xieraq illi l-ispejjeż jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.”

**2.** Wara li nghatat din is-sentenza, is-socjeta` attrici talbet l-esekuzzjoni prpovizorju taghha, u l-ewwel Qorti tat dan il-provvediment fit-23 ta’ Gunju 2010:
“Il-Qorti tqis illi jekk is-sentenza tigi esegwita provvizorjament, il-konvenut ma jgarrabx pregudizzju billi s-setgha ta’ diskrezzjoni tieghu ma gietx imnaqqsa bis-sentenza; tqis ukoll illi jekk is-sentenza ma tigix esegwita provvizorjament, l-interess tal-attrici mhares biha jisfa fix-xejn u ghalhekk il-process kollu jkun sar ghalxejn; ghalhekk tilqa’ t-talba ghall-esekuzzjoni provvizorja tas-

sentenza b'dan illi t-terminu hemm imsemmi jibda jsehh millum. L-ispejjez ta' dan l-episodju jkunu regolati skond l-esitu finali tal-appell."

**3.** Il-konvenut qeghed issa jitlob, permezz ta' rikors prezentat fil-25 ta' Gunju, 2010, lil din il-Qorti thassar jew tbiddel dan l-ahhar imsemmi provvediment. Huma ressqu zewg aggravji: (1) fl-ewwel lok, qed jigi argumentat li l-ewwel Qorti ma kellhiex setgha taghti dak il-provvediment peress li kien sar appell kontra s-sentenza tat-18 ta' Gunju, 2010; (2) fit-tieni lok u f'kull kaz, qed jigi sottomess li, fic-cirkostanzi, l-ordni ta' esekuzzjoni provizorja ma kellhiex tinghata u/jew tinzamm fis-sehh.

**4.** Ir-rikors tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kummerc gie trattat fit-13 ta' Lulju 2010.

**5.** Dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti ma tarax li l-konvenut appellant ghandu ragun, u dan peress li l-Artikolu 266(3)(b) jiddisponi li l-qorti fi grad ta' appell ghandha kompetenza tisma' fuq talba simili jekk "fuq appell mis-sentenza tal-qorti tal-ewwel grad, l-introduzzjoni tal-atti quddiem il-qorti fi grad ta' appell issir qabel id-decizjoni tar-rikors mill-qorti tal-ewwel grad". F'dan il-kaz, ghalkemm kien gia` pprezentat appell mis-sentenza tat-18 ta' Gunju, 2010, ma jidhirx li sal-ghoti tal-provvediment issa mpunjat, l-atti kienu dahlu quddiem din il-Qorti. Il-prezentata tal-appell, li jsir fir-registru tal-Qorti tal-Appell (ara Artikolu 226 tal-Kap. 12), hija procedura indipendenti mill-introduzzjoni tal-atti ghal quddiem din il-Qorti. L-Artikolu 244 jghid li meta jsiru procedimenti ghall-appell, l-atti tal-qorti tal-ewwel grad ghandhom jigu mdahhla fil-qorti fi grad ta' appell u li d-dritt stabbilit ghal introduzzjoni tal-atti ghandu jithallas flimkien mad-dritt ghall-prezentata tar-rikors. Dan jikkonferma li l-istadju tal-prezentata tal-appell huwa stadju separat u distint mill-introduzzjoni tal-atti quddiem din il-Qorti, tant hu hekk li l-Artikolu 245 tal-istess Kap. 12 ikompli jiddisponi li "l-introduzzjoni tal-atti ssir kemm jista' jkun malajr billi dawn jitressqu quddiem il-Qorti tal-Appell mir-Registratur".

**6.** Meta jigi introdott appell ikun mehtieg li l-atti tal-kawza li jkunu quddiem il-qorti tal-ewwel grad jingiebu quddiem il-qorti tat-tieni grad; din hi funzjoni tar-Registratur li ghandu jaghmilha malajr kemm jista' jkun wara li jkun infurmat li gie intavolat appell. Sakemm l-atti jkun ghadhom quddiem il-qorti tal-ewwel grad, din tkun fl-ahjar pozizzjoni li tiddeciedi dwar l-ezegwibbilita` o meno tas-sentenza, anke jekk ikun gie prezentat appell; hu biss meta l-atti jitqieghdu a disposizzjoni ta' din il-Qorti, li din l-istess Qorti tkun f'posizzjoni tirrifletti fuq u tiddeciedi talba ghall-esekuzzjoni provizorja ta' sentenza ta' qorti tal-ewwel grad.

**7.** Kwindi kienet korretta l-ewwel Qorti, f'dan il-kaz, li tiddeciedi li kellha kompetenza biex tisma' u taghti d-decizjoni dwar ir-rikors tas-socjeta` attrici ghall-esekuzzjoni provizorja tas-sentenza.

**8.** Fil-kuntest tat-tieni aggravju, din il-Qorti rat li l-kawza nfisha mxiet b'certa ghagla peress li kien il-hsieb tas-socjeta` attrici li torganizza fiera kummercjali fis-sajf ta' din is-sena, u hi riedet dikjarazzjoni malajr illi ma kienx jehtigilha taghmel talba ghall-permess ta' zvilupp fuq l-artijiet tan-Naxxar, u li kwindi l-konvenut Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kummerc seta' jipprocedi bit-talba li saritlu ghaz-zamma tal-fiera minghajr ma jitlob permess ta' zvilupp.  Wara li l-ewwel Qorti laqghet it-talba tas-socjeta` attrici, peress li l-hsieb kien li l-fiera tibda xi gimgha wara, kienet korretta l-ewwel Qorti li tordna l-esekuzzjoni provizorja tas-sentenza ghax altrimenti s-sentenza tkun biss rebha "vojta" jew pirrika ghax is-socjeta` attrici ma tkunx tista' tuzaha ghall-fiera li riedet torganizza din is-sena.

**9.** Gara pero`, li nonostante s-sentenza, il-konvenut Direttur Generali ma laqax it-talba tas-socjeta` attrici ghaz-zamma tal-fiera fiz-zmien indikat.  Hu cahad din it-talba mhux ghax qies li kien mehtieg permess ta' zvilupp (konsiderazzjoni li kien ordnat ma jaghmilx mill-ewwel Qorti), izda a bazi ta' konsiderazzjonijiet ohra.  Din id-decizjoni tal-konvenut Direttur Generali jidher li giet appellata, pero`, ma jidhirx li ghadu gustifikat li s-sentenza

tal-ewwel Qorti tibqa' esegwibbli provvizorjament. La darba gie intavolat appell mis-sentenza fil-meritu li tat l-ewwel Qorti fit-18 ta' Gunju, u la darba l-materja mhux wahda ta' semplicita` *ictu oculi*, ikun jaqbel li, issa, l-process jithalla jiehu l-kors normali tieghu. L-applikazzjoni tas-sentenza tal-ewwel Qorti meta hemm appell pendenti, jista' johloq certa ambigwita` u konfuzjoni, specjalment jekk is-sentenza tal-ewwel Qorti tigi varjata jew revokata minn din il-Qorti. Ghalhekk jidher ekwu li, f'dan l-istadju, din il-Qorti, b'applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 266(4) tal-Kap. 12 thassar id-digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-23 ta' Gunju 2010, u kwindi tirrexxindi l-ordni tat-23 ta' Gunju 2010 ghall-esekuzzjoni provvizorja tas-sentenza tat-18 ta' Gunju, 2010, dan, pero`, minghajr pregudizzju ghall-validita` ta' kull ma sar sa issa b'effett tal-fuq imsemmi digriet tal-ewwel Qorti.

**10.** Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kummerc tal-25 ta' Gunju, 2010, billi tilqa' l-istess u b'effett millum thassar u tirrevoka d-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Gunju, 2010, illi permezz tieghu kienet giet milqugha t-talba tas-socjeta` attrici ghall-ezegwibbilita` provvizorja tas-sentenza tat-18 ta' Gunju, 2010.

**11.** L-ispejjez marbuta ma' dan l-incident jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------